MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 11/2015

**L-Avukat Raymond Borg [Karta ta` L-identita` Nru 194856(M)]**

***u***

**Carmel Borg [Karta ta` L-identita` Nru 617654(M)]**

***kontra***

**Id-Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal-Finanzi**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Malta Industrial Parks Limited (C-28965)**

***u***

**L-Avukat Generali ghal kull interess li jista` jkollu**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-30 ta` Jannar 2015 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti kienu u ghadhom diretturi fis-socjetajiet Aluminium Extrusions Limited [ C7322], Alufinish Limited [ C25894] u Alpha Colour Limited [C14483] ;*

*2. Illi l-imsemmija socjetajiet ghandhom diversi debiti fil-konfront tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relatati mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali ;*

*3. Illi dawn id-debiti jirrisalu sa qabel is-sena 2008 ;*

*4. Illi fit-tnejn ta` Gunju 2005, l-intimat Direttur Generali (Taxxi Interni) gja il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien talab u ottjena l-hrug ta` mandat ta` qbid fuq diversi oggetti minn gewwa l-Fabbrika HF12 fil-Qasam Industrijali ta` Hal Far minfejn kienu joperaw it-tlett socjetajiet ;*

*5. Illi f`dak iz-zmien gewwa l-istess fabbrika is-socjetajiet hawn fuq indikati kellhom bizzejjed assi sabiex jaghmlu tajjeb ghal debiti li kellhom ma` l-intimat Direttur Generali ( Taxxi Interni) ;*

*6. Illi fil-1 ta` Dicembru 2007, l-Malta Industrial Parks Limited, kumpanija totalment ikkontrollata mill-Gvern ta` Malta u sid tal-fabbrika HF12 fil-Qasam Industrijali ta` Hal Far, hadet il-pussess tal-fabbrika in kwistjoni allegatament abbazi ta` eviction order mahruga sena qabel, liema atti huma l-mertu ta` tlett proceduri bejn il-partijiet quddiem il-Qrati Maltin sa minn Jannar 2008 :*

*i. Aluminium Extrusions Limited v Malta Industrial Parks Limited [Rikors Guramentat Numru: 77/2008 JPG] - Kawza fejn l-izgumbrament ta` l-attrici mill-konvenuta qieghed jigi attakkat ;*

*ii. Malta Industrial Parks Limited v Aluminium Extrusions Limited [Rikors Guramentat numru: 1305/2007 AE] - Kawza fejn l-attrici qieghda tfittex lill-konvenuta ghall-arretrati ta` kera u l-konvenuta ressqet kontrotalba ghal danni kawzati lilha bl-agir ta` l-attrici ;*

*iii. Aluminium Extrusions v Malta Industrial Parks Limited u Simon Vella [Rikors Numru: 66/2010JA] – Kawza kostituzzjonali abbazi ta` allegat diskriminazzjoni naxxenti minn kunflitt ta` interess mill-Kap Ezekuttiv tal-Malta Industrial Parks Limited fit-tehid tal-fabbrika minghand ir-rikorrenti ;*

*7. Illi f`laqgha mas-Sur Angelo Azzopardi fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni segwita minn ittra fil-11 ta` Frar 2009 ta` Dr. Albert Grech bhala rappresentant tar-rikorrenti hawn annessa [Dok A], dawn tal-ahhar kienu qeghdin jitolbu lid-Direttur Generali (Taxxi Interni) sabiex jesegwixxi l-Mandat ta` Qbid akkordat lilu fit-2 ta` Gunju 2005 u l-kreditu privileggjat tieghu, u offrew li jassistu fil-bejgh ta` l-assi tal-kumpanniji in kwistjoni sabiex dawn jigu likwidati u jithallsu d-debiti dovuti lill-istess intimate ; annessa ukoll ir-risposta tas-Sur Angelo Azzopardi datata 1 ta`April 2009 [Dok B] fejn ir-rikorrenti gew infurmati li l-Avukat Generali kien ser jiehu il-passi mehtiega sabiex jinbieghu l-assi ;*

*8. Illi minkejja l-ittra hawn fuq imsemmija, l-istess Direttur Generali (Taxxi Interni) baqa` inattiv ghal zmien ghal kollox ezagerat u irragonevoli meta ghazel li ma jesegwix l-kreditu tieghu fuq l-assi tal-kumpanniji in kwistjoni ghax fi kliemu stess qal li ma riedx ifixkel lil Malta Industrial Parks Limited u dan minkejja l-fatt li huwa jgawdi privilegg qua kreditur fil-ligi ;*

*9. Illi sa minn 1 ta` Dicembru 2007 sa parti sew minn 2008, il-fabbrika HF12 imsemmija hawn qabel kienet mghassa mill-Pulizija u f`dan iz-zmien l-assi tal-kumpanniji ma` gewx mittiefsa ;*

*10. Illi fi zmien ta` wara, il-Pulizija gew irtirati fuq talba tal-Malta Industrial Parks Limited u s-sigurta` tal-post waqghet esklussivament f`idejn l-istess Malta Industrial Parks Limited. Minn dak iz-zmien `il quddiem, l-fabbrika waqghet fil-mira ta` hallelin li sa garraw circa 60 tunnellata ta` materja prima minn gewwa l-istess fabbrika barra milli gie vandalizzat u misruq l-impjant tal-istess kumpannija, b`dan li l-assi tas-socjetajiet hawn qabel imsemmija gew dissipati. Dan kollu meta a bazi ta` mandat ta`qbid akkordat lil Malta Industrial Parks, dawn kienu obbligati bil-ligi li jiehdu hsieb l-assi minnhom maqbuda ;*

*11. Illi minkejja dan ir-rikorrenti baqghu jaghmlu sforzi u sabu l-bejgh tar-rimanenti assi li kien fadal fil-fabbrika izda l-Malta Industrial Parks*

*Limited opponiet ghal dan il-bejgh b`dan li bil-moghdija taz-zmien is-sitwazzjoni ta` l-assi tal-kumpaniji baqghet tiggrava irrimedjabilment ;*

*12. Illi minn fuq, meta ra dan u wara l-inattivita` tieghu, id-Direttur (Taxxi Interni) talab lil-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jibda proceduri penali fil-konfront tar-rikorrenti b`rabta mad-debiti tal-kontribuzzjonijiet socjali fil-vesti taghhom ta` diretturi tat-tlett kumpaniji msemmija, liema proceduri jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Doreen Clarke ;*

*13. Illi b`konsegwenza tal-proceduri penali istitwiti kontrihom ir-rikorrenti qieghdin jirrinfaccjaw il-possibilita` ta` piena karcerarja effettiva meta l-unika nuqqas taghhom huwa li l-operat tan-negozju taghhom kien gie mitmum hesrem a basi ta` eviction order hawn fuq imsemmija da parti ta` Malta Industrial Parks liema azzjoni qeghda tigi kontestata mir-rikorrenti fil-Qrati Maltin bhala wahda abbuziva ;*

*14. Illi dan kollu qieghed jirrisolvi ruhu fi trattament inuman u degradanti kif mfisser fil-Konvenzjoni Ewropea Ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Kostituzzjoni ta` Malta, fejn l-istess proceduri penali qed jikkawzaw tbatija kbira fuq ir-rikorrenti personalment meta huma ngabu f`din il-pozizzjoni minn l-intimati li rrendewhom fl-impossibilita` li jonoraw id-debiti tal-kumpaniji li taghhom huma diretturi u fuq in-naha l-ohra bit-theddida ta` habs effettiv fuq rashom kull hin ;*

*15. Illi inoltre f`xi zmien fl-2011/2012, il-Gvern Centrali kien nieda skema fejn persuni u kumpaniji setghu jilhqu ftehim fuq il-hlas lura fuq medda ta` zmien tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali b`dan li jitnaqqsulhom l-imghax u l-penali li altrimenti kienu applikabbli ;*

*16. Illi kull min iffirma tali ftehim, gew irtirati fil-konfront tieghu l-proceduri penali istitwiti kontrih ;*

*17. Illi ghalkemm is-socjetajiet li taghhom ir-rikorrenti huma diretturi rcevew tali offerta, huma kienu ngabu fl-impossibilita` li jiffirmaw tali ftehim minn l-intimati billi l-operat taghhom kien gie mitmum hesrem fl-1 ta` Dicembru 2007 a basi ta`eviction order u ghalhekk il-proceduri penali fil-konfront taghhom tkomplew ;*

*18. Illi dan kollu wassal ghal diskriminazzjoni cara fuq kif gew trattati r-rikorrenti meta mqabbla ma kif gew trattati debituri ohra tal-intimat Direttur Generali (Taxxi Interni) ;*

*19. Illi minkejja li r-rikorrenti segwew il-proceduri minnhom inizjati inkluz dak ghall-irkupru ta` dak dovut lill-kumpaniji li taghhom huma diretturi, l-istess proceduri gew dilungati inutilment minhabba serje ta` maniggi minn l-intimata Malta Industrial Parks Limited ;*

*20. Illi inoltre ghal rimedju ghal ksur tad-drittijiet taghhom r-rikorrenti jixtiequ jitolbu interim measure fejn il-proceduri penali jigi sospizi sakemm ikunu intemmu dawn il-proceduri u dawk civili ;*

*Ghadaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Pendente lite tordna is-sospensjoni tal-proceduri penali pendenti kontra r-rikorrenti ;*

*2. Tiddikjara li r-rikorrenti bl-agir ta` l-intimati soffrew u qed isofru trattament inuman u degradanti bi ksur ta` l-Art 3 tal-Konvenzjoni Ewropea Ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u L-Art 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*3. Tiddikjara li r-rikorrenti kemm bl-agir kif ukoll bl-inattivita` ta l-intimati sofrew u qed isofru diskriminazzjoni bi ksur ta` l-Art 14 tal- Konvenzjoni Ewropea Ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Art. 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*4. Tiddikjara li r-rikorrenti bl-agir ta` l-intimati sofrew u qed isofru ksur tad-dritt taghhom ghal protezzjoni u tgawdija tal-proprjeta ai termini ta` l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Art. 1 tal-Protocol Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea Ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ;*

*5. Tiddikjara li r-rikorrenti bl-agir ta` l-intimati sofrew u qed isofru l-ksur tad-dritt taghhom ta` process gust u fi zmien ragonevoli ai termini tal-Art.39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Art.6 tal- Konvenzjoni Ewropea Ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ;*

*6. Taghti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xieraq sabiex jigu ikkumpensati ghal ksur soffert minnhom tad-drittijiet taghhom.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati (hlief Malta Industrial Parks Limited) fis-27 ta` Frar 2015 li taqra hekk :–

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Finanzi u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontradditturi a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk ghandhom jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, l-esponenti jopponu li pendente lite dawn il-proceduri u sahansitra sakemm jintemmu l-proceduri kollha civili bejn Aluminium Extrusions Limited u Malta Industrial Parks din l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni tal-proceduri penali kontra r-rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*2.1. Illi hija l-umli fehma tal-esponenti li t-talba tar-rikkorrenti li tinghata interim measure hija karenti minn bazi legali kif ukoll fattwali ;*

*2.2. Illi legalment hemm biss l-obbligu tas-soprasessjoni meta jkun hemm referenza kostituzzjonali ; [L-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjonu u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta` Malta)] ;*

*2.3. Illi l-gurisprudenza tghallem illi s-soprasessjoni hija mizura eccezzjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta` kawza u tiffrena l-ispeditezza li tezigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata fi zmien ragonevoli. [**Dottor Alfred Mifsud vs. Onorevoli Prim` Ministru et,** Qorti Kostituzzjonali, l-20 ta` Lulju 1994] Illi di piú, is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tal-1 ta` Gunju 2001 fl-ismijiet **Onorevoli Imhallef Dr Anton Depasquale vs. Avukat Generali**, tghid `L-istat prezenti ghalhekk tal-ligi taghna hija li ebda Qorti ma ghandha tissopprassjedi hlief kif provvdut fis-sub-artikolu (3) ta` l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fuq ikkwotat ghax l-accettazzjoni ta` dan il-principju jista` biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia` mghobbija b`diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fihom f`din is-sentenza` ;*

*2.4. Illi ghalhekk huwa car li ma hemm l-ebda bazi legali sabiex it-talba tar-rikorrenti ghas-soprasessjoni tal-proceduri kriminali tintlaqa` ;*

*2.5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Qrati fis-sede kostituzzjonali rinfaccati b`talbiet bhal dik odjerna ripetutament tennew illi m`ghandhomx jidhlu fi proceduri quddiem qrati ohra u dan ghaliex dik il-Qorti ghandha tiddeciedi jekk ghandiex tibqa` ghaddejja bil-kawza jew le pendenti l-*

*proceduri kostituzzjonali ; [Rik Nru 35/2012 JA – **Anthony Taliana vs Kummissarju tal-Pulizija et**, digriet tas-6 ta` Ġunju 2012 ; Rik Nru 33/2013 JA – **Angelo Zahra vs Onorevoli Prim` Ministru et**¸ digriet tat-22 ta` Mejju 2013.] ;*

*2.6. Illi l-istess Qorti Ewropeja tinterpreta kwistjonijiet ta` interim measures b`mod ristrett ghall-ahhar u tikkoncedi tali mizuri biss f`cirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta` allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u tad-dritt li persuna ma tigix assoggettata ghal tortura jew ghal trattament inuman u degredanti f`kuntest ta` estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Certament illi l-kaz odjern ma jinkwadra taht l-ebda wiehed minn dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni li abbazi taghhom jinghataw dawn il-mizuri ;*

*2.7. Illi l-esponenti jissottomettu illi fuq il-bazi ta` dina l-analizi, fic-cirkostanzi odjerni ma hemm l-ebda lok li tinghata interim measure kif mitlub mir-rikorrenti ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull allegat ksur tal-artikoli 36, 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-artikoli 3, 6, 14 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :-*

*3. Illi r-rikorrenti, kemm personalment kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet Aluminium Extrusions Limited (C7322), Alufinish Limited (C25894) u Alpha Colour Limited (C14483) ghadhom diversi pendenzi mal-esponent Kummissarju tat-Taxxi rapprezentanti Taxxa u Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali li gew imnaqqsa mis-salarji tal-impjegati tal-imsemmija socjetajiet u li qatt ma gew mghoddija lill-imsemmi Kummissarju tat-Taxxi kif trid il-ligi. B`konsegwenza ta` dan in-nuqqas, ir-rikorrenti propio et noe inkorrew ukoll Taxxa u Kontribuzzjonijiet Addizzjonali skont il-ligi ;*

*4. Illi minkejja li r-rikorrenti gew interpellati sabiex jghaddu Taxxa u l-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi,*

*liema Taxxa u Kontribuzzjonijiet gew migbura f`isem il-Gvern mill-impjegati taghhom, huma baqghu inadempjenti. B`hekk il-Kummissarju tat-Taxxi ma kellu l-ebda triq ohra hlief li jipprocedi gudizzjarjament, kemm fil-Qrati ta` kompetenza Civili kif ukoll fil-Qrati ta` Gurisdizzjoni Kriminali sabiex jissalvagwardja l-flejjes migbura f`isem il-Gvern ta` Malta u dovuti lilu ;*

*5. Illi kwalunkwe allegazzjoni li l-Kummissarju tat-Taxxi baqa` inattiv sabiex jigbor l-ammont dovut lilu, kif allegat fir-rikors promutur hija ghal kollox infondata u insostenibbli u dan kif se jirrizulta mill-provi. Partikolarment dwar il-Mandat ta` Qbid li kien gie pprezentat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-2 ta` Gunju 2005, jigi rilevat illi dan kien kontra Charles Borg personalment u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Aluminium Extrusions Ltd u kull allegazzjoni li l-oggetti maqbuda kienu sufficjenti biex jaghmlu tajjeb ghad-debiti fiskali kollha tar-rikorrenti hija manifestament infondata specjalment f`kuntest fejn it-titolu ezekuttiv vantat mill-esponent Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta` Aluminium Extrusions Ltd fid-data tal-hrug tal-imsemmi Mandat ta` Qbid kien ta` tliet mija u disgha u sebghin elf, mitejn u ghoxrin lira (Lm 379,220,00). Oltre dan kien hemm ukoll bilanci sostanzjali raprezentanti Taxxa tal-F.S.S. u Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali mnaqqsa mis-salarji tal-impjegati ta` Alufinish Limited u Alpha Colour Limited li qatt ma gew imhallsa lill-esponent kif ukoll taxxa u kontribuzzjonijiet addizzjonali skont il-ligi b`konsegwenza ta` dan in-nuqqas ;*

*6. Illi fl-isfond tac-cirkostanzi surriferiti, l-esponent Kummissarju tat-Taxxi kellu l-obbligu li jirreferi l-kaz lill-esponent Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinbdew proceduri penali fil-konfront tar-rikorrenti talli naqsu li jibghatu lill-Kummissarju tat-Taxxi esponent fiz-zmien preskritt (1) it-taxxa mnaqqsa mill-emolumenti tal-impjegati tas-socjetajiet surriferiti u (2) il-prospetti dettalljati skont l-Atti dwar it-Taxxa u talli (3) approprjaw ruhhom bla jedd b` flejjes kbar migbura f`isem il-Gvern ta` Matla u dovuti lill-erarju ;*

*7. Illi l-esponenti jirrespingu bil-qawwa kull allegazzjoni li dan jammonta fi trattament inuman u degradanti kif allegat minnhom. Il-gurisprudenza in materia tghallem li `Ill treatment` `must attain a minimum level of severity if it is to amount to inhuman treatment contrary to article 3. In particular, it must cause wither actual bodily harm or intense physical or mental suffering. Where the relevant suffering must go beyond that inevitable element of suffering that results from a given term of legitimate treatment or punishment` u li `Treatment is degrading if it is such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them`. [**Kudla v***

***Poland**, 2000-IX; 35 ECHR198para 92 GC] Fic-cirkostanzi odjerni huwa lampanti li r-rikorrenti m` huma qed jigu assoggettati ghall-ebda trattemant inuman u degradanti. Il-proceduri gudizzjarji Civili u Kriminali fil-konfront taghhom huma unikament il-konsegwenza ta` nuqqasijiet u illegalitajiet kommessi minnhom stess u kull allegazzjoni mressqa mir-rikorrenti fis-sens illi dan jammonta ghal trattament inuman u degradanti hija frivola u vessatorja u f`kull kaz infondata u insostenibbli ;*

*8. Illi l-esponenti jichdu ukoll kull allegazzjoni li r-rikorrenti qeghdin ikunu diskriminati bi ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u/jew l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta. Illum huwa pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (i) kazijiet ugwali jew persuni f`sitwazzjoniiet ugwali ; (ii) jigu trattati b`mod differenti; u (iii) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti [tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta` l-origini, l-opinjonijiet politici, eccetrera tal-persuni] jew (iv) jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta` proporzjonalità bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat. Fil-kaz tar-rikorrenti huwa manifest li dawn l-elementi ma jissussistux. Il-kundizzjonijiet tal-iskema li ghaliha jirreferu r-rikorrenti kienu japplikaw ugwalment ghal kulhadd u l-imsemmija `impossibilità` li jiffirmaw il-ftehim kienet <u>unikament u esklussivament</u> konsegwenza tan-nuqqasijiet taghhom stess ;*

*9. Illi fic-cirkostanzi odjerni, huwa inawdit li r-rikorrenti qeghdin jallegaw ksur tad-dritt taghhom ghal protezzjoni u tgawdija tal-propjetà ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Permezz tal-proceduri inizjati mill-esponenti kien qieghed biss jigi salvagwardjat dak li huwa dovut lill-erarju pubbliku rapprezentanti flejjes migbura mis-salarji ta` impjegati tas-socjetajiet surriferiti u li r-rikorrenti, bl-aktar mod illegali u abbuziv, ghamlu taghhom. Dan ma jista` qatt jammonta ghall-vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghall-propjetà in kwantu dawn il-flejjes qatt ma appartjenew lilhom u kull oggett li kien jappartjeni lis-socjetà Aluminium Extrusions Ltd gie maqbud kien in ezekuzzjoni tat-titolu esekuttiv ottjenut legalment mill-esponent Kummissarju tat-Taxxi ;*

*10. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, dato ma non concesso u biss ghall-grazzja tal-argument, anke li kieku stess wiehed jassumi li r-rikorrent garrab tehid ta` pussess ta` hwejgu, li mhux il-kaz, il-hlas ta` taxxi u pieni ghall-ksur tal-ligi huwa specifikament eskluz mill-iskop tal-Artikolu 1 tal-*

*Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*11. Illi l-Artikolu 37(2)(a) tal-Kostituzzjoni ta` Malta specifikament jipprovdi li :*

*(2) "Ebda haga f`dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta` xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta` pussess jew akkwist ta` proprjeta` –*

*(a) bi hlas ta` xi taxxa, rata jew drittijiet ;*

*(b) bhala penali ghal, jew bhala konsegwenza ta`, ksur tal-ligi, sewjekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta` htija ta` reat kriminali ; "*

*12. Illi mill-banda l-ohra, il-proviso tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi ukoll li :*

*"Izda d-dispozizzjonijiet ta` qabel ma ghandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` skont l-interess generali jew* ***biex jizgura l-hlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni****." (Enfasi mizjud)*

*13. Illi ghalhekk huwa manifest li f`kull kaz, la l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u lanqas l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ma jistghu jigu invokati mir-rikorrenti fic-cirkostanzi odjerni ;*

*14. Illi dwar l-allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa pacifiku li d-dritt ghal smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proceduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta` process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huwa l-komplessita` tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta` l-awtorita` jew awtoritajiet relevanti ;*

*15. Illi fic-cirkostanzi jsegwi li l-ebda agir tal-esponenti ma ta jew qieghed jaghti lok ghall-ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq kif allegat minnhom. Minghajr pregudizzju ghal dan, dato ma non concesso kien hemm xi dewmien li jeccedi l-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli, l-allegat dewmien kien unikament imputabbli ghall-agir tar-rikorrenti ;*

*16. Illi dejjem minghajr pregudizzju ma hemm lok ghall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti ;*

*17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.*

Rat ir-risposta li l-intimata Malta Industrial Parks Limitedipprezentat fis-<u>27 ta` Frar 2015</u> li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok jigi sottomess illi l-lanjanzi li minnhom qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti huma intempestivi in kwantu hemm pendenti diversi azzjonijiet bejn socjetajiet li taghhom ir-rikorrenti huma azzjonisti jew ufficjali u s-socjeta` esponenti u dan kif jirrizulta anke minn paragrafu sitta (6) tar-rikors ;*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont tal-lanjanzi tar-rikorrenti u tat-talbiet, is-socjeta` espoentni mhijiex legittimu kuntradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez. Fi kwalunkwe kaz, is-socjeta` espoentni bl-ebda mod ma ghandha interess jew sehem fil-proceduri kriminali li dwarhom qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti ;*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet kif dedotti huma manifestament bla bazi almenu fil-konfront tal-esponenti in kwantu l-esponenti m`agixxiet bl-ebda mod li jaghti lok ghal ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif qeghdin jilmentaw ;*

*4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sitwazzjoni li spiccaw fiha r-rikorrenti hija rizultat tal-agir tal-istess rikorrenti jew fil-vesti personali taghhom jew inkella fil-vesti taghhom bhala ufficcjali jew azzjonisti ta` kumpanniji u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza. Inoltre, b`riferenza ghal dak allegat f`paragrafu tmienja (8) tar-rikors, irid jigi rilevat li r-rikorrenti ossia kumpannija minnhom kontrollata, opponew bil-qawwa kollha procedura ghal bejgh in subbasta li s-socjeta` esponenti ghamlet proprju sabiex tali oggetti ma jkomplux jitilfu mill-valur taghhom u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Inoltre kwalsiasi dewmien fil-proceduri huma wkoll dovuti ghall-agir tar-rikorrenti jew kumpanniji taghhom ;*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

*6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2015.

Rat illi fl-istess udjenza, tramite d-difensur taghhom, ir-rikorrenti talbu hekk :-

*Dr Galea f`dan l-istadju jitlob illi l-Qorti tipprovdi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, fis-sens illi pendenti s-smigh u d-decizjoni finali f`din il-kawza, il-Qorti taghti mizura interim fejn tissospendi l-proceduri kriminali li ttiehdu bis-sahha tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta` Malta kontra r-rikorrenti, liema proceduri nnfishom qeghdin jigu attakkati bil-procediment tal-lum skond id-diversi disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni citati mir-rikorrenti.*

*Bhala punt ta` fatt Dr Galea jiddikjara illi kontra r-rikorrenti ndividwalment hemm hames kawzi li huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u li huma differiti ghat-30 ta` April 2015.*

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal-lum biex taghti provvediment dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. Dokumenti

Fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2015, ir-rikorrenti pprezentaw, minn Dok RB1 sa Dok RB5, l-atti ta` hames kawzi li kienu istitwiti, tlieta kontra r-rikorrent Av. Raymond Borg u tnejn kontra r-rikorrent Carmel Borg, mill-Pulizija Esekuttiva quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, fuq istanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-akkuzi li bihom jinsabu mixlija jirrizultaw f`kull wahda mill-hames komparixxi. Ma` kull komparixxi, ir-rikorrenti pprezentaw dokumenti li jaghmlu parti mill-atti ta` kull kawza. Fil-kaz tar-rikorrent Av. Raymond Borg, l-akkuzi hargu kontra tieghu fit-tliet kawzi li jirrigwardaw lilu bhala direttur ta` Alpha Colours Limited, ta` Aluminium Extrusions Limited u Alu-Finish Ltd ; fil-kaz tar-rikorrent Carmel Borg, l-akkuzi hargu kontra tieghu fiz-zewg kawzi li jirrigwardaw lilu bhala direttur ta` Alpha Colours Limited u ta` Aluminium Extrusions Limited. L-ewwel appuntament ta` kull wahda mill-hames kawzi kien il-5 ta` Novembru 2010. Illum il-hames kawzi huma differiti ghat-30 ta` April 2015. Milli setghet tikkostata l-Qorti, ma jirrizultax mid-Dok RB1 sa Dok RB5 x`se jsir fl-udjenzi tal-hames kawzi tat-30 ta` April 2015.

## III. Konsiderazzjonijiet

Permezz ta` l-ewwel talba, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex taghti *interim measure* fis-sens illi tordna s-sospensjoni tal-hames kawzi istitwiti kontra taghhom, u pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fuq riferiti, sakemm jintemmu l-proceduri kostituzzjonali u ordinarji pendenti kollha li ghalihom jirreferi r-rikors promotur. Ghal din it-talba, l-intimati (hlief Malta Industrial Parks Limited) wiegbu bit-tieni eccezzjoni taghhom.

Ghall-fini tal-provvediment tal-lum, il-Qorti sejra tqis in-natura ta` *interim measures* kif mifhuma fil-kuntest tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni").

Skond Rule 39 tar-Rules of Court li huma applikati fil-kuntest tal-Konvenzjoni, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("l-ECHR") ghandha s-setgha li taghti *interim measures* lil kull Stat li huwa parti fil-Konvenzjoni. Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*"1. The Chamber or, where appropriate, its President may, at the request of a party or of any other person concerned, or of its own motion, indicate to the parties any interim measure which it considers should be adopted in the interests of the parties or of the proper conduct of the proceedings before it.*

*2. Where it is considered appropriate, immediate notice of the measure adopted in a particular case may be given to the Committee of Ministers.*

*3. The Chamber may request information from the parties on any matter connected with the implementation of any interim measure it has indicated."*

Fil-pag 113 tal-ktieb "***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights***" (Raba` Edizzjoni – 2006) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, ighidu hekk –

*… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination.*

Skond il-gurisprudenza tal-ECHR, l-*interim measures* huma mizuri urgenti li jigu applikati biss *where there is an imminent risk of irreparable harm.*

Fil-bicca l-kbira, dawn ikunu kazi fejn ir-rikorrent jitlob is-sospensjoni ta` espulsjoni jew ta` estradizzjoni minn Stat membru tal-Konvenzjoni. L-ECHR tilqa` talbiet ta` din ix-xorta fuq bazi eccezzjonali. Skond il-prassi tal-ECHR, kull rikjesta ghal *interim measure* tigi trattata fuq bazi individwali u ta` prijorita`. Ma hemmx appell minn rifjut ta` *interim measure.* Lanqas ma hemm xi jzomm lill-ECHR milli tirtira l-*interim measure.*

**Abbazi tal-gurisprudenza tal-ECHR, Rule 39 ma tigix applikata fil-kazi ta` talbiet ghal demolizzjoni imminenti ta` bini, ghal dikjarazzjonijiet imminenti ta` insolvenza, ghall-infurzar tal-obbligu tas-servizz militari, ghal talbiet ta` talba ta` rilaxx ta` persuni mill-prigunerija fil-pendenza ta` kontestazzjoni dwar *the fairness of the proceedings.***

Fost il-kazi fejn kienet applikata Rule 39, insibu – fost ohrajn - "**Abdollah v. Turkey**" (23980/08) – 3 ta` Novembru 2009 ; "**F.H. v. Sweden**" (32621/06) – 20 ta` Jannar 2009 ; "**Nivette v. France**" (44190/98) – 3 ta` Lulju 2001 ; "**K.N. v. France**" (47129/09) – 19 ta` Gunju 2012 ; "**Jabari v. Turkey**" (40035/98) – 11 ta` Lulju 2000 ; "**Hossein Kheel v. The Netherlands**" (34583/08) – 16 ta` Dicembru 2008.

Minn esami tal-kazi kollha (u allura mhux biss dawn) fejn Rule 39 kienet applikata, jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku *a common denominator* u cioe` l-eccezzjonalita` tassew vera u reali tal-mizura ; tali mizura tittiehed wara

gharbiel approfondit tal-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz, u bil-premura wisq evidenti li l-ghoti tal-mizura tigi mmedjatament irtirata meta r-raguni ghall-ghoti taghha ma jibqax jissussisti.

Abbazi tal-principji hekk kif applikati fil-kuntest tal-Konvenzjoni, din il-Qorti mhijiex tara li fil-kaz tal-lum huwa mehtieg l-intervent taghha bl-ghoti ta` *interim measure* kif rikjest mir-rikorrenti. Il-Qorti mhijiex tara kif bil-prosegwiment tal-hames kawzi kontra r-rikorrenti, pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, hemm ir-riskju ta` *a serious and irremediable violation of the Convention.* Bil-fatt illi ma taghtix l-*interim measure* rikjest mir-rikorrenti, din il-Qorti ma tarax illi se jkun hemm jew illi jista` jkun hemm hsara gravi jew pregudizzju rreparabbli ghad-dannu tar-rikorrenti. Fil-hames kawzi in kwistjoni, ir-rikorrenti sejrin ighaddu minn *due process* fis-sens illi se jkollhom ic-cans kollu li jwiegbu ghall-akkuzi li bihom jinsabu mixlija, bil-kontroezami tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u bil-provi taghhom. *Del resto* mhuwiex jigi allegat mir-rikorrenti illi fl-ambitu tal-procediment tal-hames kawzi, hemm ir-riskju li jkunu mcahhda mid-dritt ghal smigh xieraq hekk kif inhu tutelat dan id-dritt fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni. Ma jaghmilx sens illi, fl-assenza ta` dawk ic-cirkostanzi li oggettivament jirrendu necessarju l-ghoti ta` *interim measure,* hekk kif applikat fl-ambitu tal-Konvenzjoni, ghandha tintervjeni din il-Qorti billi timponi r-rieda jew id-diskrezzjoni taghha fuq il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex din tissospendi s-smigh tal-hames kawzi fuq riferiti. Fl-istess waqt xejn ma jzomm lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali milli, wara talba tar-rikorrenti, tissospendi l-prosegwiment tal-hames kawzi fil-pendenza ta` l-procediment kostituzzjonali ; tibqa` dik pero` decizjoni ghal kollox awtonoma tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni ta` l-intimati (<u>hlief</u> Malta Industrial Parks Limited) li biha wiegbu ghall-ewwel talba tar-rikorrenti, din il-Qorti tirrileva hekk :-

a) Riferibbilment ghal dak li jinghad fil-paragrafu 2.2. sa 2.4., il-Qorti, filwaqt li tirribadixxi r-ragunijiet ghala l-ewwel talba tar-rikorrenti sejra tkun

respinta, tosserva li dak li talbu r-rikorrenti fil-kaz tal-lum ma kenitx soprasessjoni izda sospensjoni tal-proceduri kriminali. Ma tarax ghalhekk li l-principji tas-soprasessjoni kif gew applikati fil-kawzi bil-procediment ordinarju u bil-procediment kostituzzjonali jghoddu ghall-kawza tal-lum.

b) Riferibbilment ghal dak li jinghad fil-paragrafu 2.5., il-Qorti kkostatat il-provvedimenti citati mill-intimati, tikkondividi r-*ratio* ta` dawk il-provvedimenti, u tghid li jghoddu ghall-kawza tal-lum.

c) Riferibbilment ghal dak li jinghad fil-paragrafu 2.6., il-Qorti tikkondividi dak rilevat mill-intimati kif diga` kellha okkazjoni tirrimarka.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` s-sostanza tat-tieni eccezzjoni tal-intimati Direttur Generali (Taxxi Interni), Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal-Finanzi, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, u ghalhekk qeghda tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti, spejjez ghar-rikorrenti. Thalli l-kawza ghall-provi tar-rikorrenti ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 28 ta` Mejju 2015 fl-10.30 a.m.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------